

**Brussell, 6 ta' Diċembru 2023
(OR. en)**

16388/23

**AGRI 790
AGRIFIN 153
AGRIORG 148**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Is-sitwazzjoni tas-suq b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna - Informazzjoni mill-Kummissjoni u l-Istati Membri - Skambju ta' fehmiet

Bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2023, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dokument ta' sfond li jinkludi sommarju tal-kontributi bil-miktub tal-Istati Membri dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq u l-mistoqsija proposta mill-Presidenza biex tiggwida d-diskussjoni.

1. Hekk kif is-sena 2023 waslet fi tmiemha, diversi Stati Membri (SM) jirrapportaw fil-kontribuzzjonijiet bil-miktub¹ tagħhom li s-sitwazzjoni tas-swieq agrikoli tal-Unjoni għadha diffiċli. Minkejja xi tnaqqis fil-kost ta' inputs importanti meta mqabbel mas-sena preċedenti, il-kost tal-enerġija, tal-fertilizzanti u tal-għalf għadu għoli, u dan ipoġġi lil diversi setturi taħt pressjoni minħabba li ż-żieda fil-kost bilkemm hija riflessa fil-prezzijiet imħallsa lill-bdiewa. Għadd ta' fatturi, inkluż is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku globali u l-iżviluppi ġeopolitiċi aktar reċenti fil-Lvant Nofsani, flimkien ma' episodji klimatiċi u tat-temp avversi, mard tal-annimali u problemi sanitarji, iżommu l-marġnijiet tal-profitt mill-biedja u mill-introjtu tal-bdiewa f'livelli ġeneralment baxxi. Xi Stati Membri saħansitra jirrapportaw li l-produzzjoni, b'mod partikolari tal-bhejjem, hija abbandunata f'xi każijiet. Minn dan isegwi li l-assistenza mill-PAK tibqa' kritika sabiex tinżamm is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni.
2. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-għelejjel li jinħartu fejn il-kost tal-inputs miksuba minn qabel kien pjuttost għoli, filwaqt li, kif jirrapportaw għadd ta' Stati Membri, il-prezzijiet imħallsa lill-bdiewa naqsu b'mod konsiderevoli matul l-2023 għal għadd ta' raġunijiet. Diversi Stati Membri rrapportaw ukoll tnaqqis fir-rendimenti, b'mod partikolari bħala riżultat ta' kundizzjonijiet estremi tat-temp, u żieda fil-kompetizzjoni mill-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. Xi Stati Membri jirrapportaw problemi kontinwi minħabba influż għoli ta' vjeġġi mill-Ukrajna u n-nuqqas ta' kapaċità ta' ħżin suffiċjenti. Il-flussi kummerċjali stabbiliti fl-UE jidhru wkoll li ġew affettwati f'xi każijiet. Matul id-diskussjoni tal-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura, diversi Stati Membri tennew l-appell tagħhom għat-tneħħija ta' projbizzjonijiet unilaterali fuq l-esportazzjonijiet Ukreni.
3. Mil-lat pożittiv, għadd ta' Stati Membri rrapportaw żieda żgħira fil-prezzijiet tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, li madankollu baqgħu taħt il-livell tas-sena l-oħra. Xi Stati Membri oħra nnutaw li matul l-istess perjodu l-produtturi tagħhom ħassew il-bżonn li jbiegħu l-ħalib tagħhom bi prezzijiet orħos mill-kost.

¹ 16122/23

4. Tabilħaqq, diversi Stati Membri jirrapportaw li l-marġnijiet ta' profitt ta' prodotti oħra tal-bhejjem huma wkoll taħt pressjoni mhux biss minħabba li l-kost tal-għalf għadu għoli iżda wkoll minħabba tifqigħat ta' mard tal-annimali f'xi partijiet tal-Unjoni, jigiġifieri tad-Deni Afrikan tal-Ħnieżer, tal-Influwenza tat-Tjur u tal-Marda tal-Ilsien Blu.
5. Diversi Stati Membri jirrapportaw li s-swieq tal-frott, tal-ħaxix u ta' għelejjet speċjalizzati oħra ġew affettwati b'mod sinifikanti minn kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, minbarra l-kost għoli tal-enerġija u l-ipproċessar, li naqqas il-profittabbiltà tal-produzzjoni tagħhom. L-Istati Membri jirrapportaw ukoll tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-inbid u tal-prodotti organiċi minħabba, fost l-oħrajn, it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku u l-inflazzjoni li ġiegħlu lill-konsumaturi jixtru inqas prodotti tal-ikel friski u prodotti tal-ikel oħra ta' valur għoli.
6. Għadd ta' Stati Membri rrapportaw ukoll li ż-żieda rapida fir-rati tal-imgħax ħolqot piż ieħor għall-agrikoltura, speċjalment għall-azjendi agrikoli li investew u li kibru b'rata mgħaġġla. Jekk ir-rati tal-imgħax jibqgħu għoljin għal żmien twil, l-opportunitajiet ta' żvilupp agrikolu jistgħu jintilfu.
7. Fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta hawn fuq, jitqies opportun li jkun hemm diskussjoni politika ffukata fuq il-fatturi ewlenin li jaffettwaw il-marġnijiet u l-profittabbiltà tal-biedja fl-UE u l-introjtu tal-bdiewa Ewropej. Flimkien mad-diskussjoni dwar l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, tali skambju jista' jkun ta' valur biex il-problemi u l-isfidi msemmija hawn fuq jiġu indirizzati fil-ħin u b'mod effettiv permezz tal-PAK.
8. F'dan ir-rigward, il-Presidenza tixtieq titlob lid-delegazzjonijiet jindirizzaw il-mistoqsija li ġejja matul id-dibattitu ministerjali:

"Fid-dawl tas-sitwazzjoni internazzjonali attwali u l-previżjonijiet makroekonomiċi, x'inhuma l-fatturi ewlenin identifikati mill-Istati Membri li, fit-terminu qasir sa medju, jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq is-swieq agrikoli u fuq il-marġini u l-profittabbiltà tal-biedja Ewropea?"